Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 - L-ERBGĦA, 17 TA' FRAR 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:05 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (mis-19:10) |
| | Raymond Tabone | Kunsillier (sat-19:55) |
| | Paul Bugeja | Kunsillier (mis-19:05) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (mis-19:37 sad-20:55) |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier (mis-19:30) |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (sat-20:01) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | | Skirvana tal-Kunsill |
| Skużati: | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **NUQQAS TA' QUORUM**

1.1. Hekk kif issejħet il-laqgħa fil-ħin kien hemm biss sitt Kunsillieri preżenti u għalhekk ma kienx hemm il-*quorum* meħtieġ.

1.2. Il-Kunsillier Tabone ddikjara li, tibda x'ħin tibda l-laqgħa huwa ma setax idum aktar mit-20:00.

1.3. Hekk kif wasal il-Kunsillier Bugeja (fis-19:05) intlaħaq il-*quorum* u bdiet il-laqgħa.

2. **APOLOĠIJI**

2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri A Grima, Buhagiar u Cremona talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Kopji tal-emails annessi f'A.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

3.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Dawn kienu approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 4. PUNTI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

4.1. Dwar punt numru 3.6 dwar il-kwistjoni tal-magna tal-fliexken is-Sindku infurmat li l-Aġent SE kien kiteb lid-Dipartiment.

4.2. Is-Sindku infurmat ukoll li kienet saret il-laqgħa ma' Green MT fejn intwera l-interess min-naħa tagħhom li jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa huma mal-kumpanija Green Malta Project u għalhekk il-Kunsill ma għandu jkollu l-ebda problemi mad-Dipartiment.

4.3. Is-Sindku tat informazzjoni dwar il-preparamenti għall-Wignacourt Festival li kienu mixjin tajjeb ħafna filwaqt li tat informazzjoni dwar kif bejn wieħed u ieħor qed ikun ippjanat li jkun il-programm.

4.4. Is-Sindku fakkret li dwar punt numru 7.3 dwar id-dħul mill-attivitajiet, l-Aġent SE kien bagħat email u dettalji jispjega r-raġuni tad-diskrepanza f'Diċembru minħabba li l-maġġoranza ddaħħlu f'Jannar.

4.5. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

4.6. Il-Kunsillier Bugeja għamel riferenza għall-punt 3.1 fejn ġibed l-attenzjoni u saħaq li dwar il-ħinijiet tal-laqgħat hemm bżonn li l-Kunsill isib kompromess għaliex ma jħossx li huwa ġust li jibdew dejjem tard.

4.7. L-Aġent SE informa li kien irċieva email mingħand is-Sur Mario Fava li wkoll kien qiegħed jappella lill-Kunsill biex tinsab soluzzjoni u l-ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill jinqasmu billi daqqa jibdew kmieni u daqqa tard.

4.8. Il-Viċi Sindku saħaq li huwa kien osserva li l-Kunsillier Buhagiar, li l-aktar li qed tesprimi li għandha diffikultà bil-laqgħat fit-tard, meta tattendi, dejjem tiġi tard.

4.9. Il-Kunsillier Bugeja ċċara li għalih il-problema mhux il-ħin li tibda l-laqgħa imma li jippreferi jekk il-laqgħa ma ddumx.

## 5. NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

5.1. L-Aġent SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-Kunsillier Daniel Grima kien naqas li jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fl-aħħar sitt xhur. Huwa fakkar fl-ispjega li kien għamel fil-laqgħa ta' qabel.

5.2. Il-Kunsill qabel li n-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillier Grima kien ġustifikat u għalhekk talab lill-Aġent SE biex, meta jinforma lill-Ministru, jitolbu biex ma jiddikjarax il-post vakant.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

6.1. Is-Sindku infurmat li skrivan tal-Kunsill kien tefa' r-riżenja tiegħu mill-Kunsill. L-Aġent SE informa li meta ltaqa' miegħu wara li tefa' r-riżenja, dan l-iskrivan infurmah li kien sab xogħol ieħor li huwa aktar fuq il-linja ta' studji tiegħu.

6.2. Is-Sindku għamlet riferenza għal Memo 4/2016 dwar il-korsijiet tal-Life Long Learning. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru numru ta' korsijiet permezz ta' din il-memo, liema korsijiet jistgħu isiru fl-iskola primarja. Is-Sindku ssuġġeriet li jsiru wkoll korsijiet oħra, possibilment dawn il-korsijiet isiru fil-Kunsill. Kienu

suġġeriti proposti għal korsijiet varji li jinkludu snajja (crafts), l-ewwel għajnuna, u korsijiet li jwasslu għal-liċenzja tal-baħħara u korsijiet tal-muturi żgħar.

6.3. Kien imsemmi rakkomandazzjoni li triq mingħajr isem fiż-żona ta' Ġebel Għawżara, limiti ta' San Pawl il-Baħar, tissemma Triq is-Sgħatar. Il-Kunsill qabel.

6.4. Is-Sindku infurmat li kienet waslet ittra mingħand Puttinu Cares dwar il-mixja annwali ta' bil-lejl li din is-sena se ssir nhar il-25 ta' Marzu. Fid-dawl li jkun hemm preżenza ta' eluf ta' persuni, dawn talbu lill-Kunsill biex jikkunsidra biex il-latrini jibqgħu miftuħin matul il-lejl filwaqt li jpoġġi wkoll mobile toilets fejn iċ-Ċimiterju ta' Burmarrad kif ukoll fejn ix-Showroom ta' Bonnici. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

6.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Piscopo.

6.6. Is-Sindku infurmat li kienet intalbet u saret laqgħa ma' grupp ta' Studenti minn ELSA (European Law Students Association) minħabba konferenza internazzjonali li qed jorganizzaw u li l-maġġoranza tal-parteċipanti, li jlaħħqu l-mijiet, se jkunu alloġjati f'San Pawl il-Baħar. Dawn talbu assistenza mill-Kunsill biex kollox jimxi b'mod kordinat u din isservi bħala vetrina tajba għal Malta. Kien hemm qbil li fejn hu possibli u mingħajr ma jsir infiq żejjed mill-Kunsill għandha tingħata kull assistenza possibli.

6.7. Ġiet ippreżentata talba mingħand it-Trade Union ta' skirvana tal-Kunsill għall-kumpens ta' spejjeż ta' avukat (€70) li kellha tidħol fihom minħabba allegazzjoni li kienet saret fil-konfront tagħha mill-Kunsill fi żmien il-Kunsill preċedenti. F'dak iż-żmien il-Kunsill stess kien irtira l-allegazzjoni li kienet saret. Il-Kunsillier Tabone talab li għandha tingħata direzzjoni mid-Dipartiment. Il-Kunsillier Piscopo saħaq li trid issir distinzjoni bejn 'irtira' u 'ammetta'. Is-Sindku pproponiet li l-iskrivana tkun ikkumpensata. Il-Kunsillier Piscopo astjena, il-Kunsillieri Tabone u Barbara vvutaw kontra filwaqt li s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Bugeja, Fenech, Vella, Bezzina u Grima ivvutaw favur.

## 7. ĦLAS TA' KONTIJIET

7.1. Kienet ippreżentata l-iskeda ta' pagamenti.

7.2. Il-Viċi Sindku ġibet l-attenzjoni dwar il-pagament ta' Piscopo Gardens minħabba li dan kien jeċċedi sewwa l-limitu ta' *direct order*. Dan kien jidher li kien *direct order* bi ksur tar-regolamenti finanzjarji.

7.3. L-Aġent SE informa li, biex jivverifika dan, għalkemm kien aċċertat mill-uffiċjal li jieħu ħsieb il-pagamenti fil-Kunsill li dan kien effettivament *direct order*, minħabba li ma kienet saret l-ebda sejħa pubblika għall-offerti, huwa kien talab lid-Dipartiment biex jelenkalu l-avviżi li l-Kunsilli huma obbligati li jippubblikaw meta jkun hemm sejħa għall-offerti. Id-Dipartiment bagħtlu kopja tal-avviżi kollha u mkien ma kien hemm indikat li xi darba l-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz mirbuħ minn Piscopo Gardens.

7.4. Il-Kunsillier Tabone insista li l-Aġent SE kellu jistaqsi lis-SE preċedenti iżda l-Aġent SE saħaq li ma kellux għalfejn la darba kellu iswed fuq l-abjad mingħand id-Dipartiment li ma kienu ħarġu l-ebda sejħiet pubbliċi għall-kwotazzjonijiet.

7.5. F'dan il-ħin qam battibekk u l-Kunsillier Tabone allega li s-Sindku għolliet leħinha miegħu u informa li jekk se terġa se jitlaq il-barra mil-laqgħa. Is-Sindku insistiet

li m'għollietx leħinha u li jekk iħoss li għandu jitlaq mil-laqgħa, kellu jagħżel hu. Il-Kunsillier Tabone imbagħad informa li qiegħed jitlaq bi protesta.

7.6. L-Aġent SE informa li kien talab direzzjoni mid-Dipartiment dwar dan il-ħlas fejn ir-risposta kienet li jekk ix-xogħol ikkonfermat li sar allura l-ħlas għandu jsir. Huwa esprima l-opinjoni (bi qbil mis-Sindku) li, irrispettivament minn jekk l-infieq kienx regolari jew le, il-kuntrattur m'għandux tort u għalhekk huwa xieraq li jitħallas.

7.7. Il-Viċi Sindku ipprotesta għall-fatt li d-Dipartiment qiegħed jagħti din id-direzzjoni li bażikament tkopri lil min jikser il-liġi.

7.8. F'dan il-ħin il-Kunsillier Barbara talab li jkun skużat.

7.9. Kien hemm qbil li dan għandu jkun irrappurtat lill-Bord tal-Gvernanza filwaqt li ninfurmaw lid-Dipartiment li l-Kunsill mhux lest li jħallas sakemm il-Kunsill ma jiġix ikkumpensat għal dan l-infiq.

7.10. L-iskeda imbagħad kienet approvata kif annessa f'B.

8. **RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2015 U L-BAĠIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN**

8.1. F'dan il-ħin il-Kunsill sejjaħ lill-Accountant Perifi Ferrante.

8.2. L-accountant spjegat ir-rapport finanzjarju li kien jindika li l-Kunsill kien irnexxielu jnaqqas id-defiċit b'mod sostanzjali biex fi tmien xhur biss id-defiċit naqqsu tant li niżel għal €28,000. L-accountant fakkret li dan ir-rapport, avolja jkun approvat mill-Kunsill, huwa suġġett għall-verifika.

8.3. Il-Kunsill imbagħad approva r-rapport b'emendi żgħar.

8.4. Il-Kunsill approva wkoll il-baġit u l-pjan ta' tliet snin kif ippreżentati.

8.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

9. **ĦRUĠ TA' OFFERTI**

9.1. Is-Sindku infurmat li kienu ġew imħejjija l-offerti għall-proġetti ta' tisbieħ (bil-fondi tal-MTA) skont l-ispeċifikazzjonijiet imħejjija mill-Perit. Dawn kienu għal tisbieħ fi Triq il-Luzzu, Triq San Franġisk u fiż-żona fejn il-Gillieru. Kienu wkoll ippreżentati abbozzi ta' dokumenti tal-offerta għas-servizzi ta' *handymen* u tal-Perit.

9.2. Il-Kunsillier Bugeja esprima l-opinjoni li jekk jista' jkun l-offerti kollha jkunu ppubblikati flimkien biex tkun biċċa xogħol waħda. L-Aġent SE informa li l-ikbar problema li kien qiegħed jiffaċċja hija l-fatt li l-kuntratti eżistenti kollha huma nieqsa għal kollox minn speċifikazzjonijiet u għalhekk kien każ ta' preparazzjoni mill-bidu għal kull kuntratt.

9.3. Dwar l-offerti tal-*handymen* il-Kunsill qabel li possibilment is-servizz jinkiseb bil-vann inkluż. Madanakollu meta wieħed jissottometti l-prezz għandu jinkludi separatament l-element tat-trasport.

9.4. Dwar l-offerti tal-Perit il-Kunsill qabel mal-ispeċifikazzjonijiet iżda talab li jkun miżjud post fl-iskeda tar-rati fejn titpoġġa rata għal servizz ta' tibdil minuri ta' pjanti f'każ li jkun meħtieġ wara li jkunu diġà approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar.

9.5. Il-Kunsillier Bugeja fakkar fid-disinn li hemm diġà għall-bini taċ-Ċentru u l-*car park* li għandhom jinstabu għand il-Perit Sant.

9.6. Kien hemm qbil ukoll li tkun ippubblikata l-offerta għall-bandli fejn l-iskola, kif ukoll li għandu jkun ippreparat kuntratt għall-*contracts manager*.

9.7. Kien diskuss ukoll il-problema tal-vetturi tal-Kunsill fejn kien maqbul li l-Kunsill għandu jibda l-proċess biex ibiegħ il-vetturi kollha bil-possibiltà li jkollu karozza żgħira, possibilment waħda elettrika.

9.8. Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar Kumitat magħmul mis-Sindku u mill-Kunsillieri Vella u Bugeja biex jevalwaw id-dokumenti tal-ħruġ tal-offerti u dawn jinħarġu skond kif deċiż mill-istess Kumitat. L-isess Kumitat għandu jagħti l-opinjoni lill-Kunsill dwar l-offerti sottomessi.

10. **LAQGĦA TAL-LOKALITÀ**

10.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalità ssir il-Ħadd 17 ta' April bejn l-10am u nofsinhar.

11. **ĠBIR TA' SKART MINN STABBILIMENTI KUMMERĊJALI**

11.1. Is-Sindku spjegat li kienet ġiet imsejħa laqgħa u li fiha ngħata dettalji tal-obbligi tan-negozji *vis-a-vis* l-ġbir ta' skart.

11.2. Il-Kunsillier Bugeja esprima fl-importanza li jkunu nvoluti l-Union li tirrappreżenta l-kolletturi tal-iskart. Infatti ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lis-Sur Paul Abela tal-GRTU. Wara dan ikun ikkuntattjat id-Dipartiment bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

12. **TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa tressqu dawn li ġejjin:

12.2. Il-Kunsillier Bezzina infurmat li l-ħarġa li jmiss se ssir fl-1 ta' Marzu u r-residenti se jittieħdu żjara fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u fil-Ġnien taċ-Ċiniżi f'Santa Luċija.

12.3. Il-Kunsillier Bugeja irrimarka dwar problema bid-dawl f'nofs il-Pjazza.

12.4. Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk hemmx informazzjoni x'ġara bil-Green Wardens wara r-riforma fis-sistema tal-Gwardjani Lokali. Il-Kunsillier Bugeja iddikjara li huwa qiegħed fuq il-Kumitat u jista' jinforma li dan is-suġġett kien jinsab fuq l-aġenda tal-LESA.

12.5. Il-Viċi Sindku semma l-ħmieġ li qiegħed jintefa' regolarment fejn l-iskate park u l-bżonn li tittieħed azzjoni.

12.6. Il-Viċi Sindku informa wkoll li kien hemm ilment dwar ħanut fil-viċinanzi taċ-Cherry Tree li qed ikun iffrekwentat minn ammont ta' nies li joqgħodu fuq barra tal-ħanut, iħammġu barra u qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku infurmat li diġà saru rapporti lill-Pulizija dwar dan.

12.7. Il-Kunsillier D Grima ippropona li jsir railing mat-taraġ ta' fejn il-Knisja (viċin il-Kunsill). Il-Kunsill qabel.

12.8. Il-Kunsillier Vella talab biex tittieħed azzjoni dwar ħajt fi Triq San Ġorġ li hemm bżonn ikun irranġat.

12.9. Il-Kunsillier Fenech staqsiet dwar Dar l-Umanità fejn kienet infurmata li din għadha mimlija b'ħafna ħwejjeġ.

12.10. Il-Kunsillier Fenech staqsiet ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-garaxx/gym fejn kienet infurmata li skont kif kien hemm qbil fil-Kunsill il-kuntratt kien ġie tterminat. Il-Kunsillier D Grima informa li l-Perit tal-Kunsill għandu jiddiskuti mal-MEPA biex jirrifondu ammont ta' ħlas depożitat mal-applikazzjoni.

12.11. Il-Kunsillier Bugeja informa li hemm board fi Triq Quintinus fil-kantuniera li qiegħed jimblokka.

12.12. Il-Kunsillier D Grima offra li huwa jkun jista' jdur u jikkontrolla xogħlijiet ippjanati u għalhekk talab li jingħata lista għal dan il-għan.

12.13. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016 fis-7pm.

12.14. Il-laqgħa intemmet fl-22:00.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |